MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2014

Mandat Numru. 33/2014/1

**Allcare Insurance Limited**

**vs**
**Judith-Anne Galea**

**Il-Qorti**

Rat it-talba tas-socjeta rikorrenti ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni kontra l-intimata tal-10 ta’ Jannar 2014 liema mandat gie milqugh provvizorjament fl-istess jum. Is-socjeta rikorrenti qed titlob li l-intimata tigi inibita milli theggeg impjegati tas-socjeta rikorrenti milli jitilqu l-impjieg taghhom, jew jiddesistu milli jrendu servizzi lis-socjeta rikorrenti, jew timpjega nies mis-socjeta rikorrenti jew li tghin li jigu impjegati minn terzi. Titlob ukoll b’mod generali li l-intimata tigi inibita milli thajjar jew theggeg kemm b’mod dirett jew indirett li klijenti jitilqu lis-socjeta rikorrenti jew tipprovdilhom servizzi simili jew tutilizza informazzjoni konfidenzjali li kisbet waqt l-impjieg taghha jew li taghmel uzu minn proprjeta tas-socejta rikorrenti jew li tabbuza

mill-obbligi fiducjarji li assumiet fl-impjieg li kellha mas-socjeta rikorrenti biex jibbenefikaw terzi;

Hu pacifku illi dawn il-kawzali kienu jifformaw fil-maggor parti taghhom obbligi kontrattwali assunti f’kuntratt ta’ impjieg indefinit datat 1 ta’ Jannar 2013 bejn is-socjeta rikorrenti bhala ’principal’ u l-intimata bhala ’impjegata’ fi grad gholi bhala chief executive officer. Dawn il-kundizzjonijiet huma kundizzjoni 10 dwar il-kunfidenzalita li maghha kienet iggorr danni per likwidati f’kaz ta’ ksur, kundizzjoni 11 u 14 dwar il-proprjeta tal-kumpanija, u kundizzjoni 18 limitata ghal perjodu ta’ tnax-il xahar dwar t-theggig ta’ impjegati tas-socjeta rikorrenti li jitilqu l-impjieg taghhom jew isibu impjieg iehor, jew li theggeg klijenti tas-socjeta rikorrenti li jitilqu l-istess socjeta jew li tipprovdi servizzi simili lill-istess klijenti;

Rat ir-risposta tal-intimata li opponiet ghal hrug tal-mandat peress illi:
a. Il-mandat qed jidduplika restrizzjoni gia ezistenti f’kuntratt li fih innifsu, qua kuntratt, hu projbizzjoni;
b. F’kaz ta’ ksur hemm rimejdu disponibbli u ghalhekk il-hrug tal-mandat mhux necessarju;
c. Klawsola 18 tal-mandat ma jaghtix dritt lis-socjeta rikorrenti billi hu ’in restraint of trade’;
d. Il-mandat hu intempestiv billi inhareg jumejn biss wara tmiem l-impjieg tal-intimata mas-socjeta rikorrenti;

Rat l-atti u semghet id-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Premess li l-ghan ta’ talba ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista tkun ta’ hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta’ mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta’ hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi

u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta' mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Din il-Qorti mhix konvinta li fl-istadju li qed tigi promossa din it-talba, il-hrug tal-mandat hu necessarju biex jigi preservat xi dritt tas-socjeta rikorrenti u illi n-nuqqas tal-hrug tal-mandat ser jirreka dannu li skond il-gurisprudenza kostanti jitqies irrimedjabbli.

Hu fatt illi s-socjeta rikorrenti u l-intimata kienu marbutin b'kuntrat ta' inpjieg li l-effetti tieghu imorru lil hinn mit-terminazzjoni tal-istess impjieg. Din il-Qorti mhix ser tidhol f'ebda kwistjoni dwar il-validita o meno ta' whud mill-kundizzjonijiet ta' restrizzjoni kif donnu mistiedna taghmel mill-intimata peress li dan mhux l-iskop ahhari tal-hrug o meno ta' mandat ta' inibizzjoni. Semmai din hi kwistjoni dwar il-mertu ta' kuntratt ta' impjieg illum terminat li ghaliha hemm rimedju ordinarju fil-ligi li bl-ebda mod ma timpingi fuq ir-rekwiziti ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. Il-Qorti f'dan l-istadju bikri ta' proceduri gudizjarji trid tkun sodisfatta biss li s-socjeta rikorrenti tgawdi dritt prima facie. Dan id-dritt li qed tittanta tipprotegi johrog mill-kundizzjonijet ta' restrizzjoni fil-kuntratt ta' impjieg li ffirmaw il-kontendenti u rregolaw in-negozju gudiriku ta' bejniethom.

Dak li pero jipperplessa lil Qorti u l-fatt illi t-talba ghal hrug tal-mandat sar jumejn wara t-terminazzjoni tal-impjieg fejn it-talba mhix li l-intimata tigi projbita milli tieqaf milli taghmel xi haga b'mod konkrett in vista ta' akkadut partikolari izda biss li tigi inibita b'mod preventiv u pre-emptiv. Dan jidher li hu minnu peress li qari tar-rikors isemmi biss il-kundizzjonijeit ta' restrizzjoni tal-intimata naxxenti mill-kuntratt ta' impjieg u bhala fatt konkret ma jghid xejn dwar vjolazzjoni oltre li s-socjeta rikorrenti

’inghatat x’tifhem’ li l-ftehim qed jew ser jigi vjolat minghajr ebda prova ta’ sustanza ulterjuri.

Dan iwassal ghal kunsiderazzjoni konsegwnzjali dwar x’tip ta’ kawza ser tippromuovi s-socjeta rikorrenti biex issegwi l-hrug tal-mandat fuq bazi preventiva biss. Kif qalet il-Qorti fl-Appell fic-citazzjoni **Anthony Saliba vs Neptune’s Bar and Restaurant** (08/01/2010), ’m’hemmx dubju li l-ligi trid li l-mandat ta’ inibizzjoni jkun imsahhah b’relazzjoni li l-iskop taghha ma jkunx ir-rikonferma ta’ digriet diga moghti imma trid tkun dik allacjata ma’ pretensjoni tal-atturi’. In oltre generalment il-mandat jintalab fi zmien meta l-pretenzjoni ghad ma tkunx gudizjarament accettata u stabbilita pero ma testendix ghal kaz meta ghad ma rrizultat ebda pretensjoni hlief affermazzjoni ta’ dritt prima facie li f’dan il-kaz huma rifessi f’kundizzjonijiet ta’ restrizzjoni ta’ kuntratt.

In oltre l-Qorti mhix konvinta illi anki jekk ghal grazzja tal-argument, l-intimata ser tivjola d-dritt ser jigi irrikat dannu lis-socjeta rikorrenti li jitqies irrimedjabbli. Il-kuntratt gia jipprovdi in parte ghal danni pre likwidati f’certu cirkostanzi u ma hemmx dubju li l-ksur ta’ kundizzjonijiet li bihom intrabtet l-intimata jekk validi u enforzabbli fil-ligi jistghu jesponuha ghad-danni kollha li tista’ ssofri s-socjeta rikorrenti jekk tivvjola l-kundizzjoni. Irid ovvjament jirrizulta li saret vjolazzjoni u l-estent tal-vjolazzjoni. Il-Qorti ma tara li giet pruvata ebda cirkostanza fejn il-ksur tal-kundizzjonijet imposti fuq l-intimata jistghu f’dan l-istadju u minghajr prova sostantiva tat-tip ta’ dannu u l-estent tieghu, jaghtu x’jifhem illi l-pregudizzju ghas-socjeta rikorrenti fic-cahda ghal hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni ser tkun irrimedjabbli. Mhix bizzejjed il-biza li jistghu jigu sofferti danni f’telf ta’ klijenti jew qliegh biex jigu gustifikat il-hrug tal-mandat.

Dan jinghad in omagg ghal principju li mandat ta’ inibizzjoni hu mezz procedurali eccezzjonali u mhux normali ta’ provvediment legali, allura ghandu jircivi interpretazzjoni kemm jista’ jkun dejqa u restrittiva (ara **Pancontinental Oil and Gas NL vs Prim Ministru**, 15/12/2011).

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti tqis illi f'dan l-istadju attwali l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni hu prematur u ma rrizultax il-pregudizzju rrimedjabbli necessarju, u konsegwentement tirrevoka d-digriet taghha tal-10 ta' Jannar 2014 u tichad it-talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. Spejjez kontra socjeta rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------